2024/3186

17.12.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/3186

tas-16 ta' Diċembru 2024

li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK [1], li stabbiliet l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fl-Oċean Indjan tal-Punent u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA). Fit-12 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2441 [2], li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK u li testendi l-mandat ta' EUNAVFOR ATALANTA sal-31 ta' Diċembru 2024. Fl-4 ta' April 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1059 [3], li taġġorna l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK.

(2) Fl-1 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 2713 (2023), li stabbiliet embargo fuq l-armi fuq Al-Shabaab, u ġeddet sal-31 ta' Diċembru 2024 id-dispożizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 15 u 17 tar-Riżoluzzjoni tal-KSNU 2182 (2014), estiżi mill-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni tal-KSNU 2607 (2021) biex ikopru l-komponenti għal apparat esplożiv improvvizzat (IED). Il-KSNU adotta wkoll ir-Riżoluzzjoni 2714 (2023), li neħħiet l-embargo fuq l-armi fuq is-Somalja stabbilit fir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 733 (1992).

(3) Fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku Olistiku għall-Qarn tal-Afrika u s-Somalja, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li EUNAVFOR ATALANTA għandha tiġi estiża sat-28 ta' Frar 2027 u li fl-2025 jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni strateġika tal-operazzjoni sinkronizzata mar-rieżami strateġiku tal-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tissalvagwardja l-libertà tan-navigazzjoni fir-rigward tal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 [4]. Barra minn hekk, il-KPS qabel li ċ-Ċentru tas-Sigurtà Marittima – il-Qarn tal-Afrika (MSCHOA) jenħtieġ li jibda jissejjaħ "Ċentru tas-Sigurtà Marittima – l-Oċean Indjan (MSC IO)".

(4) Barra minn hekk, il-funzjonijiet taċ-Ċellola ta' Koordinazzjoni tal-UE stabbilita bl-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/749/PESK [5] ittieħdu mill-Kwartieri Ġenerali tal-Operazzjoni ta' EUNAVFOR ATALANTA u għaldaqstant jenħtieġ li dik l-Azzjoni Konġunta titħassar. L-Operazzjoni Libertà Dejjiema m'għadhiex interlokutur attiv ta' EUNAVFOR ATALANTA.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[1] L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) (ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2441 tat-12 ta' Diċembru 2022 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (ĠU L 319, 13.12.2022, p. 80).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1059 tal-4 ta' April 2024 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) (ĠU L, 2024/1059, 5.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1059/oj).

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tissalvagwardja l-libertà tan-navigazzjoni fir-rigward tal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) (ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj).

[5] L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/749/PESK tad-19 ta' Settembru 2008 dwar l-azzjoni ta' koordinazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riżoluzzjoni 1816 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (EU NAVCO) (ĠU L 252, 20.9.2008, p. 39).

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 4, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Barra minn hekk, l-EUNAVFOR ATALANTA għandha twettaq monitoraġġ, bħala kompitu sekondarju mhux eżekuttiv, tat-traffikar ta' drogi narkotiċi, tat-traffikar ta' armi, tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u tal-kummerċ illeċitu tal-faħam 'il barra mix-xtut tas-Somalja f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-KSNU 2713 (2023) u b'mod konsistenti mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-20 ta' Diċembru 1988.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) tikkomunika ma' organizzazzjonijiet u entitajiet, kif ukoll ma' Stati, li jaħdmu fir-reġjun għall-ġlieda kontra atti ta' piraterija u serq armat 'l barra mill-kosta tas-Somalja, b'mod partikolari l-forza marittima 'Combined Task Force 151;'"

(b) fil-punt (h), l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-evidenza misjuba relatata ma' atti ta' piraterija jew serq bl-użu tal-armi tista' tinħażen minn EUNAVFOR ATALANTA. B'mod partikolari, tista' tinħażen data personali li tikkonċerna persuni msemmija fil-punt (e).";

(3) l-Artikolu 2b, l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"Kontribut għall-implimentazzjoni tal-embargo tan-Nazzjonijiet Uniti fuq l-armi fuq Al Shabaab u għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' drogi narkotiċi 'l barra mill-kosta tas-Somalja fiż-żona ta' operazzjonijiet";

(4) fl-Artikolu 8, il-paragrafi 1a u 1b huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1a. L-EUNAVFOR ATALANTA għandha tikkoordina mill-qrib mal-industrija tat-tbaħħir, b'mod partikolari permezz taċ-Ċentru għas-Sigurtà Marittima – l-Oċean Indjan (MSC IO);

1b. L-EUNAVFOR ATALANTA għandha tikkoordina mill-qrib mal-operazzjoni tas-sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 (*). B'mod partikolari, l-EUNAVFOR ATALANTA għandha, kemm jista' jkun, tiffaċilita l-appoġġ loġistiku għall-EUNAVFOR ASPIDES u tikkomunika mill-qrib bejn l-EUNAVFOR ASPIDES u l-industrija tat-trasport marittimu, b'mod partikolari permezz taċ-Ċentru tas-Sigurtà Marittima – l-Oċean Indjan (MSC IO).

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) (ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj)";

(5) fl-Artikolu 14, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"9. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-operazzjoni militari tal-UE għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sat-28 ta' Frar 2027 għandu jkun ta' EUR 13 800 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jkun ta' 0 % għall-impenji u 0 % għall-pagamenti.";

(6) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-Azzjoni Konġunta 2008/749/PESK hija b'dan imħassra.

3. Fl-2025 għandha titwettaq valutazzjoni strateġika ta' EUNAVFOR ATALANTA, sinkronizzata mar-rieżami strateġiku ta' EUNAVFOR ASPIDES.

4. EUNAVFOR ATALANTA għandha tintemm fit-28 ta' Frar 2027.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Din l-Azzjoni Konġunta għandha titħassar mid-data tal-għeluq tal-Kwartieri Ġenerali tal-Operazzjoni tal-UE f'konformità mal-pjanijiet approvati għat-terminazzjoni ta' EUNAVFOR ATALANTA u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri rigward l-awditu u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ta' EUNAVFOR ATALANTA stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS